**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 98/2024 MS*

**Audrianne Vassallo Calleja**

**Vs.**

**Brendaleen Galea Calleja u Charles Clint Calleja**

Illum, 21 t'Ottubru, 2024

Kawża Numru: 27

1. Din hija sentenza dwar talbiet magħmula mill-konvenuti b'żewġ rikorsi tat-2 t'Awwissu 2024 li bihom iridu jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom u jingħataw l-opportunità mill-ġdid li jressqu r-risposta ġuramentata tagħhom.

2. L-attriċi wieġbet għal dawn iż-żewġ rikorsi fit-3 ta' Settembru 2024 billi kkontestat it-talbiet tal-konvenuti. Fl-udjenza tal-4 t'Ottubru 2024, id-difensur tal-attriċi eżenta lill-konvenuti milli jressqu provi biex jissostanzjaw il-fatti premessi minnhom fir-rikors tagħhom, u t-talbiet tal-konvenuti ġew trattati. Għalhekk il-kawża ġiet differita għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza.

3. Qabel xejn, din il-Qorti tagħmilha ċara li dan il-provvediment tal-lum huwa sentenza u mhux dikriet, u dan skont ġurisprudenza li tirriżultalha prevalenti dwar din il-materja. Ġurisprudenza li hija bażata fuq il-konsiderazzjoni li d-deċiżjoni li biha l-Qorti tiddeċiedi dwar jekk il-konvenut hux kontumaċi jew le hija tali li torbot ukoll lill-Qorti, u mhux biss lill-partijiet, u għalhekk il-Qorti ma tistax aktar 'il quddiem fl-istess kawża titbiegħed minnha (ara, per eżempju, ***Albert Mizzi et noe vs. Emmanuel Navarro***, Appelli Kummerċjali, 20/1/1986)[1]. Kif ritenut fid-deċiżjoni ***Luigi Gerolamo Bonnici ne vs. Onorevole Joseph Huber, O.B.E., ne*** (Appelli Superjuri, 9/11/1931)[2]: «*...il proprio e vero carattere distintivo della sentenza definitiva è quello per cui viene definita una quistione riguardante l'azione, il merito o la procedura, talmente che nessun altra sentenza quistione definita può essere profferita dallo stesso tribunale dopo che si fosse pronunciato su tale quistione*». Dan kuntrarjament għal dak li jipprovdi l-artikolu 230 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fir-rigward tad-dikrieti interlokutorji. Għalhekk b'mod aktarx konsistenti dejjem ġie deċiż li l-provvediment li bih jiġi deċiż jekk il-konvenut spurgax il-kontumaċja tiegħu jew le huwa sentenza, u mhux dikriet (ara wkoll ***Patrick Buttigieg vs. Clifton Barbara***, Appell Inferjuri, 6/10/2010; ***Samchrome FZE vs. Danko Koncar et***, Appell Superjuri, 11/3/2016).

4. Dan premess, il-Qorti sejra tagħmel sunt tal-fatti li huma pertinenti għal din is-sentenza.

5. B'rikors ġuramentat preżentat fil-31 ta' Jannar 2024, l-attriċi talbet lil din il-Qorti tillikwida s-sehem riżervat spettanti lilha mill-eredità ta' Salvina Calleja, kif ukoll li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuha dan is-sehem riżervat. Iż-żewġ konvenuti ġew notifikati wara l-ħinijiet legali fl-4 ta' Lulju 2024. Fuq ir-riferti relattiva, li jinsabu a tergo ta' fol.20, jingħad li l-konvenuta ġiet notifikata f'idejha personalment, filwaqt li l-konvenut ġie notifikat f'idejn Francesca Schembri.

6. Il-konvenuti naqsu milli jippreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom fiż-żmien preskritt mill-artikolu 158 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Minflok,

[1] Kollezz. Vol.LXX.ii.250.
[2] Kollezz. Vol.XXVIII.i.164.

huma ressqu żewġ rikorsi fit-2 t'Awwissu 2024, li bih huma separatament talbu lill-Qorti tawtorizzahom jippreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom fi żmien qasir u perentorju.

7. Il-prinċipji li jirregolaw il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tal-konvenut ġew mirquma minn ġurisprudenza anterjuri fid-deċiżjoni ***Vittorio Cassar vs. Carmelo Vassallo*** (Appell Inferjuri, 29/5/1937)[3], fejn intqal kif ġej:

> Illi mill-eżami ta' dawn is-sentenzi, speċjalment ta' dawk li ġew mogħtija mill-Imħallef Dr Luigi Camilleri, li kien jippresjedi dina l-Qorti, l-Imħallef attwalment sedenti huwa ta' l-opinjoni li jistgħu jiġu fissati b'sigurezza dawna l-prinċipji biex jirregolaw il-materja :-
>
> 1. Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;
> 2. Anqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;
> 3. Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;
> 4. Dina l-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;
> 5. L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volontà tal-kontumaċi;
> 6. L-iżball ma hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibili, għaliex jekk ikun vinċibili, allura jkun ekwiparat għall-kolpa;
> 7. Dana l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessità impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";
> 8. L-impossibilità li wieħed jidher għas-subizzjoni, jew almenu d-diffikoltà gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali

8. Prinċipji dawn li baqgħu jiġu konsistentement segwiti fil-ġurisprudenza tagħna (ara, per eżempju, ***Marco Grima vs. Rita Grima***, Prim'Awla, 17/6/2003; ***Tal-Franċiż Construction Limited vs. Michael Ciappara***, Prim'Awla, 31/5/2013; ***Robert Bondin Carter vs. Frank Zahra***, Prim'Awla, 24/1/2017). Tajjeb ukoll li jiżdied jingħad illi l-fatt li l-konvenuti dehru quddiem il-Qorti fl-udjenza sussegwenti għan-notifika tagħhom mhux biżżejjed biex huma jevitaw is-sanzjoni tal-kontumaċja (ara d-deċiżjoni

[3] Kollezz. Vol.XXIX.i.1581.

***Maria Zammit pro et noe vs. Agostino Zammit***, Prim'Awla, 11/3/2003 u r-riferenzi kontenuti fiha).

9. Għalhekk il-Qorti sejra teżamina r-raġunijiet miġjuba mill-konvenuti fid-dawl tal-insenjamenti li għalihom għadha kif saret riferenza.

10. Nibdew billi nqisu r-raġunijiet tal-konvenuta Brendaleen Galea Calleja. Hija tgħid li ma tgħix f'Ħaż-Żabbar iżda f'Birżebbugia f'post mikri lilha. Issostni li l-atti ġudizzjarji ingħataw mhux lilha imma lis-sieħba ta' ħuha l-konvenut, u li din ma qaltilix bihom fiż-żmien. Il-konvenuta eżebiet dokument li juri r-reġistrazzjoni ta' kirja ta' fond f'Birżebbugia għall-perijodu mill-1 t'April 2024 sal-31 ta' Marzu 2026.

11. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa r-riferta tan-notifika tal-konvenuta, u fiha hemm kjarament indikat li hija ġiet notifikata personalment. La ġiet notifikata personalment, huwa irrilevanti l-post fejn saret dik in-notifika. L-artikolu 187(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fil-fatt jibda billi jgħid: «*In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata,* ***kull fejn dik il-persuna tista' tinstab****…*» (enfażi miżjud). Fuq il-qoxra ta' quddiem tar-riferta (fol.20), il-Qorti setgħet tinnota miktuba bil-lapes il-kliem «*Francesca Schembri ID175094(M)*» maġenb l-isem tal-konvenut, filwaqt li maġenb isem il-konvenuta, hemm numru taċ-ċellulari li dwaru l-konvenuta ma tgħid xejn fir-rikors tagħha. Dan ikompli jikkorrabora dak espost fir-riferta relattiva.

12. Waqt l-udjenza tal-4 t'Ottubru 2024, fuq domanda tal-Qorti l-konvenuti ddikjaraw li huma riedu jressqu x-xiehda tagħhom u ta' persuni oħra biex jikkonfermaw id-dokumenti mehmuża mar-rikors tagħhom, u dan sabiex isostnu t-talbiet tagħhom dwar l-ispurgar tal-kontumaċja. Fl-ebda ħin ma ndikaw li riedu jipproduċu bħala xhud lill-uffiċċjal eżekuttiv tal-Qorti li eżegwixxa n-notifika in kwistjoni. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tistax ħlief tqis li dak li jirriżulta minn tali riferta għandu jitqies korrett, salv il-prova kuntrarja li f'dan il-każ ma nġabitx. Preżunzjoni li tapplika *a fortiori* meta jiġi kkunsidrat li l-ġurisprudenza qieset li anki l-preżenza ta' difetti fir-riferta ma jwasslux għall-invalidità tan-notifika (ara, per eżempju, ***Maltacom plc vs. Emanuel Vella***, Appell Superjuri, 5/10/2001; u ***Carmelo Galea et vs. Guido Vella et***, Appell Superjuri, 16/4/2004).

13. Fir-rigward tar-raġunijiet miġjuba mill-konvenuta dwar l-interventi mediċi li kellhom jissottoponu ruħhom għalihom is-sieħba u bint il-konvenut ħuha, il-Qorti tgħid minnufih li dawn iċ-ċirkostanzi żgur li ma jistgħux jitqiesu suffiċċjenti sabiex jiġġustifikaw il-kontumaċja tal-konvenuta. Mard, anki jekk serju, ta' membri tal-familja mhux immedjata, anki jekk jista' jwassal għal ċertu skonvolġiment tal-ħajja kwotidjana, diffiċilment jista' jiġi aċċettat bħala «impediment leġittimu» fis-sens tal-ġurisprudenza ċitata. Fuq kollox, din ir-raġuni miġjuba mill-konvenuta hija marbuta wkoll mal-allegazzjoni tagħha li hija qatt ma rċeviet l-atti iżda rċeviethom f'isimha s-sieħba tal-konvenut, liema allegazzjoni ġiet imwarrba mill-Qorti.

14. Il-konvenut Charles Clint Calleja jgħid li huwa ma laħaqx irrikorra għand avukat fil-ħin minħabba li ma kienx jaf li kellu jinkariga avukat, kif ukoll minħabba diffikultajiet ta' saħħa ta' bintu u s-sieħba tiegħu. Fir-rikors tiegħu huwa fisser li bintu kellha tidħol l-isptar biex tagħmel intervent fl-10 ta' Lulju 2024, filwaqt li s-sieħba tiegħu kellha tagħmel intervent ieħor fil-11 ta' Lulju 2024. Kompla jgħid illi l-atti ġudizzjarji ingħataw f'idejn is-sieħba tiegħu li nsiet tgħaddihomlu. Aktar 'il quddiem fl-istess rikors, huwa jgħid li s-sieħba tiegħu «damet» biex għaddietlu dawn l-atti, u mhux m'għaddithomlux.

15. Il-Qorti eżaminat id-dokumenti mehmuża mar-rikors tal-konvenut, u setgħet tara li huwa minnu li bintu għamlet intervent fl-10 ta' Lulju 2024. Iżda jirriżulta wkoll li hija ntbagħtet mill-isptar fil-11 ta' Lulju 2024. Hekk ukoll, is-sieħba tiegħu għamlet intervent fil-11 ta' Lulju 2024 u ntbagħtet id-dar 'l għada. Il-Qorti ma jidhrilix li l-ħtieġa li jsiru dawn l-interventi mediċi tikkostitwixxi dik is-sejħa għal dmirijiet oħrajn imprexxindibbli b'mod li ħolqot lill-konvenut impediment leġittimu biex iwieġeb għall-kawża fiż-żmien li tagħtu l-liġi. Anki li kieku wieħed kellu jaċċetta li sakemm bintu u s-sieħba tiegħu għamlu l-interventi msemmija, il-konvenut ma setax jallontana ruħu minn ħdejhom, dak l-impediment ma kienx jiswa ħlief għal massimu ta' tliet ijiem, li allura kien iħallilu żmien adekwat biex iwieġeb fiż-żmien statutorju.

16. Dwar l-ilment tal-konvenut li s-sieħba tiegħu m'għadditlux l-atti ġudizzjarji relattivi, il-Qorti tirrileva li n-narrativa tal-fatti kontenuta fir-rikors tal-konvenut hija inkonsistenti. L-ewwel il-konvenut jgħid li l-atti ma ġewx mogħtija lilu mis-sieħba

tiegħu li «*kompletament nesiet u ħalliet dawn il-karti mingħajr ma ġabithom a formali konjizzjoni tal-istess esponent*». Aktar qabel hu qal li ma kienx jaf li jrid jirrikorri għand avukat, u mbagħad aktar 'il quddiem jgħid li s-sieħba tiegħu damet biex għaddietlu l-inkartament, li hija ħaġa differenti minn dak li semma aktar qabel. Il-Qorti jidhrilha li kieku kien minnu li s-sieħba tal-konvenut insiet tgħaddilu l-atti, l-konvenut ma kienx ikollu għalfejn isemmi l-interventi mediċi bħala raġuni għaliex ma marx għand l-avukat. Jekk l-att ma ġiex mgħoddi lilu, qatt ma seta' jmur għand avukat, irrispettivament minn dak li seħħ fil-perijodu relattiv.

17. Il-Qorti, fil-kuntest ta' din ir-raġuni miġjuba mill-konvenut, ma tistax tinjora l-fatt li għadu kif ġie determinat li oħtu l-konvenuta ġiet notifikata personalment bl-atti fl-istess jum, u għalhekk huwa ferm improbabbli li hija ma tkellmitx ma' ħuha fuq il-kawża li saret fil-konfront tagħhom it-tnejn. Il-Qorti għalhekk ma jidhrilix li s-sottomissjoni tal-konvenut, u ċjoè li s-sieħba tiegħu ma qaltlux fi żmien utili dwar l-atti li rċeviet f'ismu, hija waħda verosimili, u għalhekk mhux sejra tilqagħha.

18. Jirriżulta għalhekk li l-konvenut m'attivax ruħu b'diliġenza meta saret in-notifika tal-atti ġudizzjarji, u l-impedimenti nvokati minnu bħala skużanti ma jiswewx bħala impediment leġittimu fis-sens tal-ġurisprudenza.

19. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dwar it-talbiet magħmula mill-konvenuti permezz ta' żewġ rikorsi preżentati fit-2 t'Awwissu 2024 billi tiċħadhom u, filwaqt li tikkonferma li l-konvenuti huma kontumaċi, tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza għandhom ikunu sopportati mill-konvenuti.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur